

## Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-002675/2021

### lill-Kummissjoni

Artikolu 138 tar-Regoli ta' Proċedura

**Christian Ehler** (PPE), **Sabine Verheyen** (PPE), **Maria da Graça Carvalho** (PPE), **Ivan Štefanec** (PPE), **Iuliu Winkler** (PPE), **François-Xavier Bellamy** (PPE), **Peter Pollák** (PPE), **Franco Bogovič** (PPE), **Sven Schulze** (PPE), **Tomasz Frankowski** (PPE), **Pernille Weiss** (PPE), **Theodoros Zagorakis** (PPE), **Henna Virkkunen** (PPE), **Ioan-Rareș Bogdan** (PPE), **Eva Kaili** (S&D), **Ibán García Del Blanco** (S&D), **Massimiliano Smeriglio** (S&D), **Lina Gálvez Muñoz** (S&D), **Andrus Ansip** (Renew), **Vlad-Marius Botoș** (Renew), **Klemen Grošelj** (Renew), **Ivars Ijabs** (Renew), **Elżbieta Kruk** (ECR), **Dace Melbārde** (ECR), **Cyrus Engerer** (S&D), **Angelika Niebler** (PPE)

Suġġett: Protezzjoni tad-diversità kulturali u tal-kontenut Ewropew fis-settur awdjoviżiv

L-industrija awdjoviżiva u tal-films għadha tbat minn taqlib ekonomiku minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Il-preservazzjoni tal-libertà kummerċjali tas-settur sabiex jintlaħaq qbil dwar l-esklużività territorjali sħiħa biex jiġi żgurat l-aħjar finanzjament u distribuzzjoni tal-kontenut hija kruċjali għas-suċċess fit-tul u l-vijabbiltà ekonomika tas-settur.

Il-liċenzjar territorjali esklużiv jixpruna l-investiment fil-produzzjoni tal-kontenut u firxa wiesgħa ta' mudelli kummerċjali ta' distribuzzjoni. Dan il-mudell ta' negozju mhux speċifiku għall-Ewropa. L-imminar tal-liċenzjar territorjali esklużiv u tal-libertà kummerċjali biex jiġu garantiti arranġamenti ta' finanzjament u distribuzzjoni individwali u mfassla apposta jkollu impatt negattiv fuq l-industrija ċinematografika u awdjoviżiva u fuq il-benessri tal-konsumatur – billi jillimita l-kontenut u s-servizzi offruti.

1. Fid-dawl tal-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tappoġġja l-irkupru tas-settur awdjoviżiv, x'inhu l-approċċ tagħha biex tiggarrantixxi l-esklużività territorjali sħiħa u l-libertà kummerċjali, peress li jekk dan ma jkunx garantit bis-sħiħ, il-benesseri tal-konsumatur jitnaqqsu kemm f'termini ta' kontenut kif ukoll f'termini ta' għażliet ta' distribuzzjoni?
2. Il-Kummissjoni kif biĥsiebha tissalvagwardja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 167 tat-TFUE, b'mod partikolari l-fjoritura tal-kulturi tal-Istati Membri, fid-djalogu li ġej?

### Sostenitur<sup>1</sup>

---

<sup>1</sup> Din il-mistoqsija għandha s-sostenn ta' Membru ieħor apparti l-awturi : Laurence Farreng (Renew)